MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2014

Numru. 583/2008

**Artikoli 214, 215, 221, 338 (m), 339 (1) (dd) , 325 (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 15 (1) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sandra Zammit)**

**vs**

**CLINT ZAMMIT**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **Clint Zammit,** ta’ 22 sena, imwieled fit-2 ta’ Marzu, 1986 il-Pieta, iben Joseph u Angela nee’ Spiteri, residenti 153, St. Mary House, Victory Street, Qormi u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 116086(M) gie akkuzat talli:-

1. Fis-26 ta’ Gunju 2008 ghall-hin ta’ bejn il-12:45am u 1:15am fi Triq Cappadocia gewwa Qormi, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta’ Nigel Spiteri u persuni ohra, f’periklu car billi seta’ jgib periklu ghall-hajja ta’ l-istess Nigel Spiteri kkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ Nigel Spiteri billi tajjar lill-istess Nigel Spiteri billi saq il-vettura tieghu tal-ghamla Fiat Brava bajda bin-numru ta’ registrazzjoni ABO 072 fid-direzzjoni taghhom u kkaguna lill-istess Nigel Spiteri feriti ta’ natura hafifa skond kif iccertifika it-Tabib Dr Ramon Bondin MD reg no 5071 gewwa l-isptar Mater Dei u talli :-

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq il-vettura ta' l-ghamla Fiat Brava b'numru ta' registrazzjoni ABO 072 b'manjiera perikoluza, u talli

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta hsara involontarja fuq vettura b'numru ta' registrazzjoni BBE 106 ghad-dannu ta' Kevin Agius min Hal-Qormi u talli,

4. Fl-istess data, ghall-hin tan-12:30am fi Triq il-Vitorja, Qormi kkaguna lil Andy Debono feriti ta' natura hafifa skond kif iccertifika it-tabib Dr Miriam Giordano MD reg no 3014

5. Fl-istess data, ghall-hin tan-12:30am fi Triq il-Vitorja, Qormi kiser il-mistrieh tan-nies bi, glied u storbju, u talli,

6. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjamanet kiser il-bon ordni u l-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom kunsens tal-Avukat Generali datat 16 ta' Lulju 2008 esebit fl-atti a fol. 14 markat bhala Dok SZ1, il-fedina penali netta ta' l-imputat esebita fl-atti a fol. 15 markata bhala Dok SZ2, estratt mill-att tat-twelid tal-imputat esebita fl-atti a fol. 16 ta' l-atti markata bhala Dok SZ3, l- okkorrenza esebita fl-atti a fol. 17 markata bhala Dok SZ4 u stqarrija tal-imputat esebita fl-atti a fol 25 markata bhala Dok SZ5.

**L-Ispettur Sandra Zammit** xehdet fit-22 ta’ Lulju, 2008 fejn esebiet id-diversi dokumenti appena imsemmija. L-Ispettur ikkonfermat li l-imputat inghata t-twissija skont il-ligi u l-imputat irrilaxxa din l-istqarrija Dok SZ5 b’mod volontarju. Hija kkonfermat ukoll li qieghda taghraf il-firma tal-imputat, dik tal-Ispettur Anthony Cachia kif ukoll tal-imputat Clint Zammit li ghazel li jiffirma din l-istqarrija u qieghda taghrafhom kull fejn jidhru f’din l-istqarrija.

**PS 539 Fabian Caruana** xehed fis-Seduta tat-22 ta’ Lulju, 2008, fejn gie muri dokument Dok. SZ 4 u kkonferma li parti minn din l-okkorrenza dahhalha hu u cioe' fejn kien involut hu rigwardanti l-investigazzjonijiet f'dan l-incident.

Huwa ddikjara li fis-26 ta' Gunju 2008 ghall-habta tan-nofs siegha ta' fil-ghodu gew infurmati mill-Control Room li kien hemm glieda gewwa Triq il-Vitorja, Qormi.

Ix-xhud flimkien ma’ PS 487 u PC 923 marru fuq il-post u sabu rassa kbira ta' nies. Huwa fil-pront talab l-assistenza tal-pulizija tal-mobile u wara ftit minuti gew il-pulizija tal-mobile u rnexxielhom jaghmlu kontroll tas-sitwazzjoni. Huwa flimkien ma' PC 923 kellem lil wiehed mill-persuni nvoluti u cioe' lil Clint Zammit li qed jgharaf bhala l-imputat prezenti fl-awla. Dana qal lix-xhud li hu kien tiela’ d-dar mat-

tfajla tieghu u mat-tfajla ta’ huh. Ix-xhud spjega illi kien hemm xi nies illi bdew jghajtu u bdew jghidu, skond ma qallhom Zammit: "Insibukom barra. Nafu fejn insibukom." Skond dan l-imputat Zammit u Lindsey li hija l-gharusa ta' hu Clint Zammit, bdew jghidu li lil dawn in-nies huma ma kienu ghamlulhom xejn. Dak il-hin u dan dejjem skond ma beda jghidlu Clint Zammit, certu Alan beda jimbotta lil Lindsey u Clint Zammit mar biex iferraq. Alan qabad jaghti lil Clint Zammit u Clint Zammit imbaghad ddefenda ruhu.

Imbaghad gie hu Clint Zammit, precizament Redeemer Zammit biex iferraq. Fil-pront gew hafna nies u Clint Zammit zied jghidlu li kienu avzaw il-pulizija, u in effete dawn in-nies iktar irribellaw.

Ix-xhud kellem ukoll lil Redeemer Zammit li jigi hu Clint Zammit. Dana qallu li hu kien tiela’ u kien qed ikellem lil siehbu, Stephen Zammit u meta wasal fejn l-istage fejn gara l-incident, ra lil huh Clint jaqla' d-daqqiet u mar biex iferraq. Hu mar biex iferraq, u gew hafna nies li ma jafx minn fejn kienu gew.

Ix-xhud tenna li huwa kellem ukoll lil Angelico Spiteri li dan Angelico jigi n-nannu ta' Clint Zammit. Dan Angelico qallu li huwa kien rieqed, sema' l-ghajjat u hareg jara x'gara u ra lil Clint Zammit u lil Redeemer Zammit li huma n-neputijiet tieghu li bdew jaqilghu d-daqqiet ta’ sieq. F’dak il-hin li bdew jaqilghu d-daqqiet bis-sieq, Clint u Redeemer kienu ma' l-art. Huwa beda jghajjat biex jieqfu.

Wara, l-Pulizija bghatu biex jigi l-ghassa Andy Debono li dan kellu x'jaqsam fil-glieda. Skond Andy, qalilhom illi Clint Zammit kien kisser flixkun ma' l-art u Andy staqsieh ghaliex kien ghamel hekk. Dana staqsieh ghaliex jista' jkun li xi hadd jiehu *puncture* bil-hgieg. Dan zied jghid li kien hemm wahda liebsa isfar li hija Lindsey Azzopardi u dina Lindsey qaltlu biex jitlaq minn hemm u ghajritu bahnan. Andy imbaghad zied jghid li kif din Lindsey ghajritu bahnan, zammewh xi nies lilu li ma jafx min huma u ohrajn li jaf hu u Clint Zammit imbaghad beda jaghtih fuq wiccu. Hu kien qieghed, mat-tfajla tieghu Mirabelle Caruana.

Huwa kellem lil dina Mirabelle Caruana li allura tigi l-gharusa ta' Andy Debono u dina qaltilhom li hi kienet qieghda ma' Andy Debono, rat xi nies ikissru xi flixkun u dawn bdew jiddiehqu b'dana Andy. Imbaghad dawn in-nies qabdu jaghtu lil Andy. Tlieta minn nies qabdu jzommuh u Clint Zammit beda' jaghtih. Meta giet mistoqsija jekk kinetx taf min kienu t-tlieta l-ohra li kienu qeghdin izommu lil Andy, din qalet li ma kienetx taf min huma.

Gew mitkellma wkoll Glenn Debono li jigi hu Andy Debono kif ukoll Keith Camillieri li huwa habib ta' Andy Debono. Skond Glenn Debono, dan qalilhom li kienet cemplitlu ommu Teresa fejn dina bdiet tibki u tghidlu li Andy kellu xi jghid fit-triq fejn joqoghdu u daru ghalih u bdew jaghtuh. Missier Andy Debono u Glenn Debono kien qieghed

ukoll fuq il-post pero' ma setax iferraqhom minhabba l-kundizzjoni ta' sahhtu.

Glenn Debono zied jghid lix-xhud li dak il-hin li rcieva t-telefonata minn ghand ommu, hu kien qieghed fil-kazin tal-Anici u kif cemplitlu ommu hu mar ghal fuq il-post. Zied jghidlu wkoll li Keith Camillieri, habib taghhom, kien prezenti mieghu u tela' mieghu.

Ix-xhud spjega li meta huma waslu fuq il-post raw gemgha ta' nies imqabbdin go xulxin u din il-gemgha kienet ta' aktar minn ghaxar minn nies. Huma firdu dawna l-gruppi u qalu lil parti minnhom biex imorru l-ghassa u l-ohrajn tefawhom fil-genb u kellmuhom fuq il-post. Ix-xhud ma jiftakarx jekk l-imputat Clint Zammit kienx qieghed f'dina r-rassa tan-nies jew le meta huma waslu fuq il-post. Rigward Andy Debono, dan kien soffra xi griehi u huma kienu talbuh biex dana jgibilhom certifikat mediku.

Ix-xhud esebixxa c-certifikat li ghaddielhom Andy Debono li gie mmarkat bhala Dok. FCP 1(fol. 31) . Clint Zammit lilhom wkoll kien qalilhom li sofra xi griehi. Huwa esebixxa c-certifikat li Clint Zammit ghadda lill-pulizija u li gie mmarkat bhala Dok. FCP 2 (fol. 32).

Ix-xhud kompla jixhed in kontro ezami fejn iddikjara li minn informazzjoni li ghandu l-grupp li kien jirrigwarda Clint u li kienu

qeghdin fuq il-post, kienu Clint Zammit, huh Redeemer, Lindsey Azzopardi u tfajla ohra Josienne Azzopardi. In kwantu ghal Lindsey, hija t-tfajla ta' Redeemer filwaqt illi t-tfajla l-ohra hija t-tfajla ta' Clint Zammit. L-incident sehh hdejn id-dar tan-nannu ta' Clint Zammit. Ix-xhud esebixxa certifikat mediku rigwardanti Redeemer Zammit li gie mmarkat bhala Dok. FCP 3 (fol. 33) u esebixxa wkoll certifikat mediku rigwardanti Angelico Spiteri li gie mmarkat bhala Dok. FCP 4 (fol. 34) . Ix-xhud qal li skond il-verzjoni li kien taghhom Clint Zammit, certu Alan li kien imbotta lil Lindsey, dan joqghod faccata tad-dar tan-nannu ta' Clint Zammit. Fil-grupp l-iehor ta' dana Alan u Andy, kien hemm hafna nies.

**PS 487 Ruben Balzan** xehed fl-14 ta’ Novembru, 2008 fejn iddikjara li fis-26 ta’ Gunju tas-sena 2008 ghal habta tas-siegha u kwart ta’ filghodu huma gew infurmati mill-Control room tal-Pulizija li kien hemm xi persuna li kienet mixhuta fl-art mhux ‘il boghod mill-incident li kien sehh ftit tal-hin qabel, cioe’ incident fejn kien hemm glieda. Huwa mar fuq il-post u stabbilixxa illi l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni ABO 072 tal-marka Fiat Brava kulur abjad kienet mahbuta gewwa karozza ohra fejn dina l-vettura li semma kienet qabel habtet gewwa hajt. Ix-xufier li huwa Clint Zammit li x-xhud gharfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla meta dan gie mitkellem huwa stqarr li hu u huh Redeemer u l-gharajjes taghhom kienu sejrin il-poliklinika. Dan stqarr ukoll illi certi Daniel, Paul, Nigel, Mireille u Alfred kienu hargu ghan-nofs biex iwaqqfuhom. L-imputat stqarr ukoll illi huwa pprova jevitahom pero’ ma rnexxilux u konsegwenza

ta' hekk kien tajjar lil Nigel. Huwa baqa' diehel go hajt u habat ma' karozza numru ta' registrazzjoni BBE 106. Ix-xhud imbaghad baghat biex imorru l-Ghassa ta' Hal-Qormi lil Daniel, Paul, Alfred, Nigel u Mireille biex jevita li ma jkunx hemm iktar *clashes*.

Meta dawn il-hamsa li semma x-xhud gew mitkellma gewwa l-Ghassa ta' Hal-Qormi dawna sostnew illi Clint kien saq fid-direzzjoni taghhom apposta biex itajjarhom. Erba' minnhom irnexxielhom jisgiccaw pero' Nigel ma rnexxielux. Sussegwentament huwa nforma lill-Ufficjal tieghu l-Ispettur Sandra Zammit u l-Ispettur kompliet bl-investigazzjonijiet hi. Ix-xhud tenna li meta mar fuq il-post, il-persuna li kienet mixhuta fl-art li rrizulta li kien Nigel lahqu kien ghadu hemmhekk. Ix-xhud jiftakar li Nigel kien konxju u nnota li kellu xi griehi zghar f'saqajh.

Is-sitwazzjoni li kien hemm prevalenti dak il-hin kienet tikkonsisti f'hafna agha. Kien hemm nies jghajtu, ohrajn jiggieldu u kien hemm konfuzjoni shiha ma kienux f'pozizzjoni li effettivament jitkellmu lil dana Nigel. Huwa akkumpanjat fuq il-post kien biss Pulizija wiehed PC 1387 u ghalkemm innota lil dan Nigel huwa l-kliem beda jghidu normali minhabba l-konfuzjoni u l-istorbju li kien hemm ma setghux jikkomunikaw.

Mistoqsi jekk jiftakarx xi kliem li seta' qal dana Nigel qal illi dana l-kliem ezatt li seta' qallu: *"Nigel jien ma niftakrux"*. U dana fid-dawl

tal-konfuzjoni li ghadu kif semma. Ix-xhud gie muri Dok SZ 4 u kkonferma li din hija l-okkorenza li parti minnha dahhalha hu u parti ohra dahhalha PS 539 Fabian Caruana.”

Ix-xhud kompla jixhed in kontro ezami fejn iddikjara li rigwardanti l-incident tal-karozza kien dahal bhala rapport fl-Ghassa fis-siegha u kwart ta’ filghodu. Ikkonferma illi r-rapport li kien dahhal Clint Zammit, huh u l-gharajjes taghhom kien dahal fl-Ghassa xi n-nofs siegha ta’ filghodu u dan dwar glieda. Hawnhekk spjega li meta kien hemm ir-rapport dwar il-glieda x-xhud kien mar fuq il-post u biex jassisti lil PS 539. Pero’ r-rapport fuq il-glieda hadu PS 539.

Ix-xhud jaf illi rigwardanti l-glieda Clint, huh Redeemer u n-nannu ta’ Clint kienu soffrew xi griehi u jaf ukoll illi dawn kienu intbaghtu l-Poliklinika ghall-kura. Huwa kkonferma wkoll illi ma’ Clint u huh kien hemm ukoll Josianne u Lindsey li jigu l-gharajjes ta’ dawn u kien hemm ukoll in-nannu ta’ Clint u ta’ huh ghaliex dan l-incident tal-glieda sehh quddiem ir-residenza tan-nannu ta’ Clint u huh.

Mistoqsi mid-Difiza jekk Josianne u Lindsey kienux talbuhom biex jigu akkumpanjati l-poliklinika flimkien ma’ Pulizija ghax kienu qeghdin jibzghu min-nies l-ohrajn wiegeb li ma jiftakarx pero’ dik is-sitwazzjoni kienet tali dakinhar li kien hemm il-festa ta’ Hal-Qormi u l-Pulizija kienet certament nieqsa min-nies habba l-festa. Kieku kienu gew mitluba ma kienux ikunu jistghu jibghatu. Ikkonferma li l-parti

tal-glieda mexxiha bhala investigazzjoni PS 539. Ix-xhud kien qieghed hemm biex jassisti.

Ix-xhud zied jghid illi l-partijiet opposti ntbaghtu parti minnhom intbaghtet il-poliklinika u parti l-ohra intbaghtet il-Mater Dei. Huwa ma jafx liema minnhom fil-fatt kienu jekk hux Clint, huh u l-gharajjes taghhom u n-nannu li marru Mater Dei jew inkella dawn marrux il-poliklinika. Mistoqsi jekk effettivament Clint u huh Redeemer flimkien man-nannu taghhom u l-gharajjes taghhom kienux intbaghtu l-poliklinika wiegeb li ma jiftakarx.

Il-persuna li ntlaqtet b'vettura kien Nigel u jidhirlu illi dan Nigel kien persuna li kienet fuq il-post meta kien hemm ghaddejja l-glieda. Mistoqsi in kwantu ghal persuni li lilu kienu qalulu li l-imputat kien saq ghal fuqhom wiegeb illi meta huma kienu waslu fuq il-post kien hemm konfuzjoni shiha. Bhala Pulizija huma kienu erbgha biss u kien hemm madwar jekk mhux izjed hamsa u ghoxrin ruh jigru 'l hemm u 'l hawn. Mistoqsi jekk dawn in-nies li qalulu li l-imputat kien saq ghal fuqhom rahomx waqt dina l-glieda, wiegeb li jista' jkun li kien hemm xi whud minn dawna waqt il-glieda pero' mhux cert min huma.

Ix-xhud tenna li l-ismijiet tan-nies li kienu nvoluti f' din il-glieda kien hadhom PS 539. Huwa xoghlu dak il-hin kien li jikkwieta lin-nies. In-nies li kienu qalulu illi Clint Zammit kien saq ghal fuqhom kienu qalulu

wkoll li Clint Zammit kien qieghed isuq hu u mieghu kellu nies bhala passiggieri fil-karozza.

Clint Zammit kien qal lix-xhud ukoll illi meta kien qieghed isuq u gara l-incident kellu passiggieri mieghu fil-karozza. Dana qallu li mieghu bhala passiggieri kien hemm huh Redeemer, zewg gharajjes taghhom Josianne u Lindsey u n-nannu li jismu Angelo Spiteri. Ix-xhud jidhirlu li l-imputat qallu li kienu sejrin il-Poliklinika u l-passiggieri li kien hemm fil-karozza ta' Clint u kienu qalulu l-istess verzjoni li qallu l-imputat li kienu sejrin lejn il-Poliklinika. Il-passiggieri kkonfermawlu wkoll dak li kien qallu l-imputat u cioe' illi Daniel, Paul, Alfred, Nigel u Mireille hargu ghan-nofs biex iwaqqfuhom. Clint ipprova jevitahom u ma rnexxilux jevita lil Nigel u spicca biex tajru. Ix-xhud stqarr illi lilu l-imputat kien qallu li hu kien nizel mill-vettura tieghu u mar jaghti l-ewwel assistenza lil Nigel. Il-Pulizija sabu l-vettura ta' Clint fin-nofs tat-triq imdahhla go karozza ohra filwaqt illi l-karozza l-ohra kienet qieghda pparkjata.

Ix-xhud innota meta mar fuq il-post wara l-incident fejn kien wegga' Nigel, innota li apparti d-daqqa evidenti fuq il-karozza ta' Clint Zammit kagun tal-habta kien hemm daqqiet fuq diversi partijiet fuq il-karozza li jindikaw illi xi hadd kien taha xi daqqiet lil karozza minbarra wkoll li fuq il-vettura kien hemm id-daqqa fejn Clint Zammit kien dahal gol-hajt. Ghaldaqstant fuq il-vettura ta' l-imputat kien hemm zewg daqqiet li jindikaw illi l-imputat kien habat l-ewwel mal-

hajt u mbaghad nghata daqqiet li jindikaw fejn l-imputat habat mal-karozza li kienet ipparkjata. Oltre dan kien hemm daqqiet fuq il-karozza li ma kienux daqqiet li rrizultaw mill-habtiet li saru imma fil-fehma tieghu dawn kienu daqqiet kagunati minn xi hadd li beda jaghti fuq il-karozza, xi hadd jew xi whud.

Ix-xhud kien ha *sketch* tal-lok tal-incident pero' llum mhux qieghed fil-pussess tieghu. Ghalhekk ipprometta li f'seduta ohra jesebixxi tali *sketch*. It-triq fejn sehh dan l-incident kienet miftuha ghat-traffiku u t-triq hija triq wiesa' bizzejjed biex il-vettura tal-imputat setghet tghaddi. Il-persuni li kienu qeghdin ma' Nigel meta sehh l-incident li bih wegga' Nigel kienu qalulu li huma kienu qeghdin fil-kantuniera ta' din it-triq.

**Mireille Ablett** xehdet fis-seduta tal-14 ta' Novembru, 2008, fejn iddikjarat illi f'Gunju tas-sena 2008 fil-festa ta' San Gorg gewwa Hal-Qormi ghal habta ta' xi l-ghaxra u nofs, il-hdax ta' bil-lejl hija flimkien ma' zewgha Paul u shabhom l-ohrajn kienu qeghdin gewwa l-kazin Anici. Hija marret tixtri billi marret il-gabbana u nnutat lill-ohrajn kollha cioe' zewgha u shabha jigru 'il fuq. Hija marret warajhom biex tara x'gara. X'hin lahqithom rat gegwigija ta' nies. Ix-xhud stqarret illi kien hemm zijuha Charles Debono fuq l-ghatba li beda jzomm qalbu u hija marret hdejh. Kien hemm in-nies li kienu qed jiggieldu u hija marret taghti l-ghajnuna lil zijuha u mbaghad gew il-Pulizija u waqqfu kollox. Sussegwentament huma regghu nizlu l-Kazin halli jgibu s-cd's

ghax ir-ragel taghha dakinhar kellu jdoqq. Hija spjegat li huma u telghin kienu zewgha Paul, ix-xhud stess u tlieta ohra li kienu Nigel, Alfred u Daniel. Dak il-hin il-glieda kienet spiccat.

Ix-xhud qalet li huma kienu telghin f'din it-triq li taghti ghad-dar taghha li d-dar taghha qieghda f'Ta' Farsina fejn hemm il-flatsijiet. Huma dak il-hin kienu qeghdin fuq il-bankina u nnutaw li kienet gejja karozza li kienet qieghda ssuq normali u dana li kien qieghed isuq filli kien qieghed isuq normali filli saq gas down u dar ghal fuqhom meta kienu qeghdin fuq il-bankina. Ix-xhudipprezumiet li x-xufier ghamel hekk ghax kien seta' ra lil xi hadd minnhom li kienu qeghdin hemmhekk fil-glieda li kien qieghed iferraq. Rigward min kien qieghed isuq il-karozza hija ma tistax tghid b' certezza jekk kienx l-imputat li gharfet prezenti fl-Awla jew inkella kienx huh.

B'referenza ghal meta hija kienet rat lil zijuha li beda jzomm qalbu, hija stqarret illi ma qaghdetx attenta biex tara jekk kienx hemm tidentifika min kien hemm involut fil-glieda. Allura ma tistax tghid jekk kemm il-darba l-imputat kienx ukoll prezenti waqt il-glieda. In kwantu ghal karozza li kif qalet kienet daret ghal fuqhom meta huma kienu qeghdin fuq il-bankina qalet illi huma kienu qeghdin wara xulxin fuq il-bankina. Hija telqet tigri u dak il-hin rat lil Nigel jintlaqat minn din il-karozza li kienet ta' kulur abjad u ratu jghola bid-daqqa. Hija dak il-hin kif rat lil Nigel jghola hasbitu illi miet u lanqas riedet tara jekk mietx jew le. Dak il-hin bil-biza' li kellha telqet tigri u marret

lejn id-dar taghha. Pero’ stqarret li x’hin fethet il-bieb tad-dar irrealizzat li kellha terga’ tmur lura u hemmhekk sabet lill-Pulizija u l-ambulanza. Hija wara li rat lil Nigel jinstabat ma’ l-art, tant bezghat illi anke giet anke mgharfa li gabret xaghrha u telqet tigri lejn id-dar.

Ix-xhud qalet in kontro ezami illi s-sekwenza ta’ kif ittajjar Nigel kienet li l-ewwel rat il-vettura ta’ kulur abjad itajjar lil Nigel, imbaghad rat il-karozza tispicca tidhol go hajt. Meta mbaghad marret id-dar u regghat marret lura fuq il-post innotat li l-istess karozza kienet qieghda mdahhla go karozza ohra. Il-karozza l-bajda spiccat go karozza ohra li kienet ipparkjajtha taht il-bankina vicin pero’ din kienet il-bankina li x-xhud kienet inizjalment miexja fuqha. Hija ghamlet referenza ghal meta kienet ghaddejja l-glieda u cioe’ x’hin rat lil zewgha u shabu jigru u hija telqet tigri ghal warajhom, hija spjegat li ma rat lil hadd li beda jigri wara zewgha u shabu. Rigward bhala distanza ta’ bejn fejn kienu qeghdin jigru huma u fejn kien hemm il-gegwigija ta’ nies bhala distanza kien hemm xi zewg kantunieri boghod.

Ix-xhud tenniet li fil-bidu nett tas-serata dakinhar huma kienu qeghdin gol-Kazin Anici u fil-fatt zewgha kien tela’ jigri mill-Kazin Anici u ghalhekk id-distanza ta’ bejn il-kazin Anici u fejn kien hemm il-massa ta’ nies li kienu qed jiggieldu hija, hames darbiet tul din l-Awla. Hija pprecizat li ma kienx zewgha biss li telaq jigri izda telqu wkoll shabu kollha jigru mieghu.  Ix-xhud telqet tigri warajhom. Mistoqsija

mill-Avukat Difensur jekk kemm-il darba fejn sehh l-incident bil-karozza fejn intlaqat Nigel kienx hemm karozzi ohra pparkjati wiegbet li ma tiftakarx. Meta hija regghet marret lura fuq il-post wara li kienet marret lejn id-dar, hija sabet il-Pulizija u ambulanza u ma rat lil hadd jaghti fuq il-vettura l-bajda.

X'hin ix-xhud marret biex tassisti lil zijuha fil-perjodu li kien hemm il-glieda hija ma rat lil hadd mill-hbieb taghha li kienu qeghdin jiggieldu. Ix-xhud sostniet li waqt din il-glieda hija rat lil shabha jferqu. Mitluba tidentifika min kien qed iferraq wiegbet li mhix f'pozizzjoni li tirrispondi ghax kien hemm gegwigija shiha ta' nies u kien hemm ukoll certu distanza.

**Paul Ablett** xehed fis-seduta tal-14 ta' Novembru, 2008, fejn iddikjara illi fil-festa ta' San Gorg li saret f' Gunju 2008 huwa kien qieghed idoqq gewwa l-Kazin tal-Banda Anici. Hin minnhom ix-xhud innota li numru sostanzjali ta' nies li kien hemm gewwa l-kazin rahom hergin 'il barra. Huwa gie nfurmat illi kellu xi jghid il-kugin tal-mara tieghu li jismu Andy Debono.  Ix-xhud mar biex jara x'gara u kif wasal fuq il-post il-glieda kienet waslet biex tispicca. Il-post kien ftit 'il boghod mill-kazin. Huwa stqarr illi pprova jikkalma lill-kugin tal-mara tieghu u ftit wara gew il-Pulizija li kkalmat is-sitwazzjoni kollha. L-ispettur qalilhom biex jinzlu l-ghassa ha jkellimhom u ghalhekk ix-xhud telaq minn hemmhekk. Huwa kien sejjer il-Kazin sabiex igib l-affarijiet tieghu li halla hemmhekk sabiex wara jmur ghal karozza li kienet

hdejn id-dar tax-xhud  biex ikun jista’ jinzel l-ghassa. Huma u mexjin fit-triq li kienu hamsa u cioe’ x-xhud, martu, huh iz-zghir Daniel, Nigel Spiteri u Alfred u kienu mexjin fuq bankina.

Ix-xhud spjega li huma nnutaw vettura li kellha dawl ta’ karozza, liema vettura kienet qieghda tigi misjuqa b’velocita’ qawwija u tat direzzjoni ghal fuqhom. Huwa sostna li ghadda ezatt minn warajh u sab lil habib tieghu Nigel Spiteri li tah daqqa u spicca ghollewh. Bl-istess daqqa tah daqqa ohra bil-windscreen u baqa’ diehel bih b’kollox fil-hajt. Tant kemm kien ghaddej b’velocita’ qawwija li spicca li l-vettura tieghu marret in-naha l-ohra tat-triq u dahlet go karozza. Ix-xhud ddikjara li s-sewwieq ta’ din il-vettura kien Clint Zammit u gharfu fl-Awla. Meta x-xhud ra lil Nigel jinstabat mal-art huwa mar jigri ghal fuqu u beda jinnota li Nigel beda jaqleb ghajnejh u beda jitrieghed u hasbu li kien qed imut.

Ix-xhud beda jghajjat kemm jiflah ghall-ambulanza. Sussegwentament bdew hergin in-nies u ftit wara wkoll giet il-Pulizija fuq il-post. Il-vettura li dahlet fuq Nigel kienet ta’ kulur abjad. Mistoqsi jekk wara li din il-karozza bajda spiccat gol-karozza l-ohra innotax li xi hadd beda jaghti fuq din il-vettura wiegeb li le. Huwa eskluda illi Clint Zammit kien niezel mill-karozza u gie jassisti lil Nigel anzi dehrlu li Clint Zammit kien hareg mill-karozza u telaq jigri. Ix-xhud sostna li kien hemm persuni ohra fil-vettura ma’ Clint Zammit pero’ wara sar jaf min huma. Dawn il-persuni hargu wkoll mill-istess

vettura u lkoll telqu jigru. Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jekk waqt il-glieda kienx hemm l-imputat huwa wiegeb li ghandu dubju jekk kienx qieghed hemmhekk jew le. Huwa tenna li meta l-karozza kienet gejja fid-direzzjoni taghhom din kienet gejja b'velocita' qawwija hafna.

Ix-xhud gie mistoqsi in kontro ezami jekk isuqx u huwa wiegeb li filfatt huwa jsuq. Mistoqsi kemm kienet il-velocita' li biha Clint Zammit kien qed isuq il-vettura meta kien gej fid-direzzjoni taghhom wiegeb li ma jistax jikkwantifika jekk kinitx ghoxrin, jew tletin kilometru fis-siegha kif gie ssuggerit mill-Avukat Difensur. Ix-xhud jaf li tant kien qieghed gej bi speed qawwi li dana baqa' diehel gewwa Nigel, baqa' diehel fil-hajt u spicca li mbaghad dahal go karozza n-naha l-ohra. X'hin kienu ha jaqsmu fuq il-bankina l-ohra diga' nnutaw id-dawl tal-karozza l-bajda riesqa.

Ix-xhud iddikjara li meta huwa kien mar biex jara x'kien qed jigri minhabba l-kugin tal-mara, huwa mar hemmhekk biex iferqu u jikkalmah.

**Nigel Spiteri** xehed fis-Seduta tas-27 ta' Frar, 2009, fejn iddikjara li fis-26 ta' Gunju tas-sena 2008 ghal habta ta' xi s-siegha ta' filghodu huwa kien miexi fuq il-bankina gewwa Hal-Qormi, illi l-isem tat-Triq ezatt ma jiftakrux. Huwa jaf li kien hemm vicin hanut tal-laham u kien qieghed fuq il-bankina. Hin minnhom ix-xhud sema' "Ar' hemm, Ar' hemm". Huwa jaf illi waslet karozza bajda quddiemu u ma jiftakar

xejn izjed x'gara wara. Huwa mbaghad meta gie f'sensih sab ruhu gewwa l-isptar. Ix-xhud iddikjara li ra l-karozza gejja ghal fuqu. Dak il-hin huwa kien qieghed fuq il-bankina u mbaghad ma jafx x'gara izjed ghax intilef minn sensieh.  Huwa ma rax min kien qed isuq dina l-karozza. Ix-xhud kien qieghed fuq il-post ma' Paul Ablett u Ray Ablett. Huwa stqarr illi ghandu ferita fuq in-naha ta' spaltu ma' ghonqu, n-naha tax-xellug u jekk immissha tugghu.  Barra minn hekk huwa ghandu ugigh fuq sidru n-naha tal-parti ta' fuq, u cioe' fuq qalbu. Mill-ezamijiet tal-X Ray ma kien jidher xejn, pero' spjega li kien qieghed jistenna li jerga' jmur l-isptar ghall-appuntament.

Ix-xhud iddikjara li huwa jaf lill-imputat Clint Zammit minn wiccu pero' qatt ma kien tkellem mieghu. Fil-25 ta' Gunju 2008, ghal habta tal-ghaxra ta' bil-lejl, kienet sehhet glieda gewwa Hal-Qormi u dana vicin ta' fejn kien spicca mtajjar ix-xhud.

Ix-xhud stqarr illi kien prezenti ghal din il-glieda izda ma ppartecipax fil-glieda. Huwa nnota illi waqt din il-glieda kien hemm prezenti l-imputat Clint Zammit ghalkemm ma rahx jiggieled fil-glieda. Huwa jaf li l-Pulizija li kienu prezenti riedu jiehdu n-nies li hadu sehem fil-glieda l-Ghassa u huma li ma kienux hadu sehem fil-glieda riedu jmorru lejn id-dar.

**Mirabelle Caruana** xehdet fis-Seduta tas-27 ta' Frar, 2009, fejn iddikjarat illi f'Gunju tas-sena 2008 kienet tiela' hi, Andy Debono u

kellha wkoll maghha zewgt itfal maghha. Huma kienu telghin Triq il-Vitorja filghaxija u x'hin kienu mexjin f'din it-triq, Clint Zammit faqa' flixkun mal-karozza ta' hu Andy Debono, precizament mat-tyre tal-karozza.  Andy Debono staqsih ghalfejn u kif qal hekk gew erbgha u qabdu jtuh. Ix-xhud gharaf lil Clint Zammit bhala l-imputat prezenti fl-Awla. Hija taf li Clint Zammit kien fost dan il-grupp ta' erbgha li bdew jaghtu lil Andy Debono. B'kollox allura kien hemm erbgha jaghtu lil Andy Debono fosthom l-imputat Clint Zammit. Hija stqarret illi twerwret ghax maghha kellha tfal zghar. Ix-xhud ippruvat izzomm lil Clint Zammit biex ma jaghtix lil Andy Debono.  Sussegwentament taf li kien hemm wahda mara u x-xhud dahhlet it-tfal ghandha, ghax dawn it-tfal twerwru u wara taf li gew xeba' nies iferqu.

Ix-xhud stqarret illi tafu lil Nigel Spiteri pero' bix-xokk li kellha fuqha mhix f'pozizzjoni tghid jekk kienx qieghed fi Triq il-Vitorja waqt il-hin tal-incident jew le. Mistoqsija jekk Nigel Spiteri kienx qieghed fost wiehed minn dawn l-erbgha li bdew jaghtu lil Andy Debono wiegbet illi ma tafx.  Wara hija telqet minn fuq il-post u maghha gie Andy Debono u marru l-Ghassa ta' Hal-Qormi fejn sar rapport lill-Pulizija.

Ix-xhud in kontro ezami ghamlet referenza ghal meta qalet illi ma tafx jekk Nigel Spiteri kienx wiehed minn dawk l-erbgha li bdew jaghtu lil Andy Debono, wiegbet illi fil-fatt ghalkemm Nigel Spiteri kien qieghed fuq il-post, pero' ma kienx qieghed jaghti lil Andy Debono. Mistoqsija mid-Difiza jekk effettivament Nigel Spiteri rahx jaghti lil Clint Zammit

wiegeb li ma jafx. Hija qalet li l-persuni li semmiet dakinhar tax-xhieda tiftakar illi rathom fuq il-post u kien hemm nies ohrajn pero' ma tiftakarx min kienu. Ix-xhud sostniet li l-intervent taghha kien li ppruvat izzomm lil Clint Zammit milli jkompli jaghti lil Andy Debono. Mistoqsi x'kien qed jaghmel fuq il-post Nigel Spiteri wiegbet illi hija ma tiftakarx ghax dak il-hin kellha t-tfal li bdew iwerzqu u kellha mohhha fuqhom. Gie suggerit lix-xhud mid-Difiza li fil-fatt kienet hi, Andy Debono u ohrajn li kienu daru ghall-imputat Clint Zammit, wiegbet li dan mhux veru.

**Dr. Ramon Bondin** xehed fis-seduta tad-19 ta' Lulju, 2010, fejn iddikjara li fis-26 ta' Gunju, 2008 huwa kien qieghed id-dipartiment tal-emergenza tal-isptar Mater Dei u fis-2.30am huwa kien invista lil Nigel Spiteri, detentur tal-karta tal-identita' numru 72183M. Huwa kellu numru ta' feriti f'rasu, li kienet ferita lacerokontuza ta' daqs centimetru, il-haddejn leminija, kellu ohra fuq in-naha ta' wara tar-ras fuq ix-xellug. Dan il-pazjent kellu wkoll tbengila fuq n-naha tal-lemin tar-ras u kellu wkoll feriti fuq idu x-xellugija. Dawn il-feriti kienu jikkonsistu f'abbrazjoni fuq il-minkeb ta' id ix-xellugija, f'abbrazjoni ohra fuq l-ispalla u dan kellu wkoll ferita lacerokontuza fuq il-flatikola tan-naha tax-xellug. Fuq in-naha tal-lemin l-istess pazjent kellu abbrazjoni fuq il-parti ta' barra tal-id. Dan il-pazjent kellu wkoll abbrazjoni fuq in-naha xellugija tal-pelvis. In kwantu ghas-saqajn, dan kellu fuq is-sieq tal-lemin kellu abbrazjoni fuq l-irkoppa, fuq l-istess sieq tal-lemin kellu abbrazjoni ohra fuq l-ghaksa u kellu abbrazjoni ohra fuq il-wicc tas-sieq tal-lemin. Rigwardanti s-sieq xellugija tal-

istess pazjent, dana kellu abbrazjoni fuq il-wicc tas-sieq. Dan il-pazjent kien qal lix-xhud li hu kien qieghed gewwa festa u milli jidher kien tajru xi hadd. Ix-xhud spjega li huwa kklassifika l-griehi tal-pazjent bhala griehi ta’ natura hafifa salv kumplikazzjonijiet. F’dan ir-rigward huwa esebixxa certifikat mediku ffirmat minnu li gie mmarkat bhala Dok RBM 1.

**Dr. Miriam Giordano Imbroll** xehdet fis-Seduta tad-19 ta’ Lulju, 2010, fejn iddikjarat illi fis-26 ta’ Gunju, 2008 hija kienet qieghda duty fid-dipartiment tal-emergenza tal-isptar Mater Dei u ghall-habta tas-6am hija nvistat lil Andy Debono, detentur tal-karta tal-identita’ numru 378483(M). Hija spjegat illi n-natura tal-griehi sofferti minn dan il-pazjent kienet wahda ta’ natura hafifa u kienet konsistenti. Il-pazjent Andy Debono kellu tbengil fuq wiccu, grif fuq in-naha ta’ gewwa taz-zewg dirghajn, grif fuq in-naha ta’ wara tal-lemin tad-dahar u fuq in-naha tal-lemin ukoll ta’ sidru. Ix-xhud iklassifikat dawn il-griehi bhala ta’ natura hafifa. Hija tenniet illi lilha l-pazjent qalilha li hu sofra dawn il-griehi ghax kien involut f’xi glieda. Ix-xhud esebiet bhal Dok MGI 1, certifikat mediku rilaxxat minnha u ddikjarat li qed taghraf il-firma taghha fuq dan ic-certifikat mediku.

**Daniel Ablett** xehed fis-Seduta tad-19 ta’ Lulju, 2010, fejn iddikjara li fil-festa ta’ San Gorg tas-sena 2008, gewwa Hal Qormi, kien hemm argument bejn Andy Debono u Clint Zammit. Huwa gharaf lil Clint Zammit prezenti fl-Awla bhala l-istess Clint Zammit li ghadu kif

ghamel referenza ghalih. Ix-xhud spjega illi f'din il-glieda, l-imputat u Andy Debono gew fl-idejn. Din il-glieda grat gewwa Triq il-Vitorja, Qormi imbaghad gew il-Pulizija u kkalmaw kollox. Huwa tenna li t-tnejn li huma taw bl-idejn u bdew jghajtu barra fejn imbaghad interveniet il-Pulizija. Wara marru kollha l-kazin tal-Anici. Sussegwentament huma telqu lura d-dar bil-mixi, u x-xhud ra lil Clint Zammit qieghed isuq Fiat Brava ta' kulur abjad. Ix-xhud iddikjara li l-imputat saq ghal go fihom u laqat lil certu Nigel Spiteri li kien qieghed maghhom. Wara li l-imputat laqat lil dan Nigel, huwa spicca bil-karozza go hajt u mbaghad wara minn go dan il-hajt, il-karozza spiccat biex laqtet u dahlet f'karozza ohra. Ix-xhud stqarr illi bid-daqqa hasbu li Nigel kien miet u huma marru jaraw lil Nigel, fejn imbaghad giet il-Pulizija. Ix-xhud jinsab cert li kien l-imputat li saq il-karozza ghal fuqhom u laqat lil Nigel. Huwa jaf li fil-karozza pero' ma kienx wahdu ghalkemm l-imputat kien is-sewwieq. Wara li l-karozza tal-imputat spiccat mahbuta f'karozza ohra, l-imputat nizel mill-karozza u gie jittawwal biex jara kif inhu Nigel. Il-Pulizija waslet mal-ewwel, u giet ukoll l-ambulanza u wara spiccaw l-ghassa."

Ix-xhud kompla jixhed in kontro ezami fejn gie mistoqsi mid-Difiza biex jispjega kif skond huwa l-ewwel l-imputat Zammit saq ghal fuqhom, tajjar lil Nigel u mbaghad wara nizel mill-karozza biex jara kif inhu Nigel. Dwar dan spjega li l-imputat kien ghadu kif tajjar persuna u fil-fehma tieghu kien beza' u ghalhekk nizel jittawwal biex jara kienx qatlu.

**Alfred Abela** xehed fis-Seduta tad-19 ta' Lulju, 2010, fejn iddikjara li fil-festa ta' San Gorg ta' Hal Qormi, ta' xi sentejn ilu, filghaxija, huwa u shabu kienu sejrin lura d-dar u f'hin minnhom ra karozza gejja liema karozza daret ghal fuqhom. Din il-karozza saqet go fihom u tajret lil siehbu Nigel Spiteri. Ix-xhud jaf li dil-karozza kienet ta' kulur abjad, u li qed jaghraf lill-persuna li kienet qieghda ssuq din il-vettura bhala l-imputat prezenti fl-Awla. Huwa jiftakar li dan l-incident sehh gewwa Victory Street, Qormi. Ix-xhud tenna li wara li l-vettura misjuqa mill-imputat kienet laqtet lil Nigel, din baqat diehla go hajt u wara spiccat biex laqtet u dahlet go karozza ohra. Huwa jiftakar li wara li l-imputat kien hareg mill-karozza, huwa ma jiftakarx fejn mar. Sussegwentament huma spiccaw l-ghassa tal-Pulizija, ghalkemm huwa ma rax lill-imputat l-ghassa u sieheb ix-xhud ittiehed l-isptar.

**Glenn Debono** xehed fis-Seduta tad-19 ta' Lulju, 2010, fejn iddikjara li fil-jum tal-festa ta' San Gorg ta' sentejn ilu kien qieghed ftit 'il boghod mid-dar tieghu u cemplitlu ommu u qaltlu li kien hemm zewg subien li daru ghal huh, Andy, u qaltlu wkoll li missieru ma setax iferraqhom. Huwa mar jigri gewwa triq il-Vitorja, Qormi precizament quddiem id-dar tieghu u sab lil Clint Zammit u lil Redeemer Zammit. Dawn bdew jagredixxu lil huh, u missier ix-xhud beda jirnexxielu jigbed lil huh lura. Ftit wara li wasal ix-xhud waslu l-Pulizija fuq il-post. Ix-xhud spjega illi f'dan l-incident, l-imputat Clint Zammit li qed jaghrfu prezenti fl-Awla, kien qieghed jaghti lil hu x-xhud u l-iehor Redeemer beda jzomm lil huh. Wara li gew il-Pulizija u ngabru wkoll in-nies, il-Pulizija qalu lix-xhud biex imur l-ghassa u huwa obda.

Ix-xhud tenna in kontro ezami illi s-sitwazzjoni li sab meta wasal fuq il-post kienet illi l-imputat beda jaghti lil huh, Redeemer beda jzomm lil huh u beda jzommu minn wara dahru u missier ix-xhud prova jigbed lil huh min-nofs Redeemer u Clint biex dawn ma jibqghux ituh. Ix-xhud sostna li lil huh ma rah jaghti lil hadd minn Clint Zammit u Redeemer Zammit.

**PS 186 Kristian Mintoff** xehed fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2010 fejn ipprezenta ghoxrin ritratt bil-kulur li gew immarkati minnu bhala Dok. CM 1 sa Dok. CM 23. Huwa spjega illi hu ghamel dan l-inkarigu fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Sandra Zammit u whud minn dawn ir-ritratti gew mehudin minnu fi Triq Cappadoccia, Hal Qormi u ohrajn hadhom gewwa garaxx fejn ha ritratti ta' Fiat Brava.

**Branislav Djokic** xehed bil-lingwa Ingliza fil-5 ta' Novembru, 2010 fejn gie mistoqsi jekk il-vettura Seat Marbella bin-numru ta' registrazzjoni BBE-106 tappartjenix lilu wiegeb li din hija registrata f'ismu. Huwa esebixxa d-dokumentazzjoni relattiva li giet immarkata bhala Dok. BD 1 (fol. 83). Ix-xhud ikkonferma li l-vettura giet registrata f'ismu fit-18 ta' Novembru, 2009. Huwa xtara din il-vettura minnghand certu Kevin minn Hal Qormi li ghandu mobile number 99027142. Ix-xhud tenna li huwa hallas erba' mitt ewro (€400). Ix-xhud gie muri ritratt immarkat internament bhala 08 BKK 109 u li huwa mmarkat ukoll bhala Dok. CM 1 u gie muri ritratt iehor immarkat bhala internament

bhala 08 BKK 110 u li huwa mmarkat ukoll bhala Dok. CM 2 u huwa gharaf il-vettura bhala li hija registrata f'ismu.

**Keith Camilleri** xehed fis-Seduta tal-11 ta' Frar, 2011, fejn iddikjara li fis-sena elfejn u sebgha (2007), kien diehel is-sajf, huwa kien qieghed gewwa l-kazin ta' l-Anici Hal Qormi. Huwa spjega li siehbu Glen Debono rcieva telefonata minn ghand ommu u fejn qaltlu li kien qed isir glied quddiem il-bieb taghha. Dan il-glied kien qieghed isir ma' binha l-kbir Andy Debono. Ix-xhud tenna li huma marru fuq fil-post biex iferqu u jikkalmaw is-sitwazzjoni. Huwa ma jiftakarx l-isem tat-triq ta' fejn marru. Li jaf huwa li Andy Debono joqghod f'din it-triq u huma marru quddiem id-dar tieghu fejn kienet qieghda ssehh il-glieda. Ix-xhud innota illi Andy Debono u Clint Zammit bdew jiggieldu. Kien hemm hut Clint Zammit ukoll u dawn ukoll kienu qeghdin jiggieldu ma' Andy Debono. Ix-xhud gharaf lil Clint Zammit bhala l-imputat prezenti fl-Awla. Huma mbaghad pruvaw iferqu l-glieda. Sussegwentament gew il-Pulizija u nizlu jaghmlu rapport gewwa l-ghassa ta' Hal Qormi. Huwa ra lill-imputat Clint Zammit jiggieled ma' Andy Debono dak il-hin illi huwa wasal fuq il-post. Dak il-hin ix-xhud ma rax jekk kemm 'il darba dan Andy Debono kellux xi demm jew griehi fuqu.

**Andy Debono** xehed fis-Seduta tal-11 ta' Frar, 2011, fejn iddikjara li huwa ghadda f'proceduri ta' natura kriminali rigwardanti l-incident mertu ta' din il-kawza pero' l-kaz tieghu gie deciz definittivament.

Ix-xhud jidhirlu li f'Lulju, ghalkemm ma jafx ta' liema sena, kienet il-festa ta' San Gorg ta' Hal Qormi u huwa kien tiela’ d-dar tieghu fil-ghaxija. Huwa kien joqghod Hal Qormi gewwa Triq il-Vitorja. Huwa jaf li kien hemm Clint Zammit illi qed jaghrfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla u huwa waddab flixkun tal-hgieg mal-karozza ta' huh Glen Debono. Ix-xhud mar hdejn Clint Zammit biex jghidlu ghalfejn waddab il-flixkun u dak il-hin daruh xi erba’ jew hames persuni. Fost dawn li daruh kien hemm l-imputat Clint Zammit u huh Redeemer u qabdu jaghtuh bil-ponn u bis-sieq fuq sidru u fuq wiccu. Ix-xhud imbaghad spicca haduh l-ghassa u minn hemmhekk intbaghat Mater Dei. Huwa tenna li kellu grif f'wiccu u deherlu li kellu girfa wkoll fuq il-parti ta' idejh ix-xellugija izda ma jiftakarx li kellu xi griehi ohra.

Ix-xhud iddikjara in kontro ezami illi huwa kien mar fuq l-imputat Clint Zammit izda ma marx b'intenzjoni ta' glied. Huwa mar bl-iskop biex jistaqsieh ghaliex kien waddab il-flixkun tal-hgieg gol-karozza ta' huh.

**Kevin Agius** xehed fis-Seduta tal-5 ta’ Lulju, 2012, fejn iddikjara li huwa kellu vettura Seat Marbella ghalkemm ma jiftakarx in-numru tar-registrazzjoni taghha. Huwa kien biegh din il-karozza xi erba’ snin ilu ghax kienet dejqitu u ried karozza ahjar. Ix-xhud tenna illi l-imputat Clint Zammit kien dahallu f’din il-karozza. Huwa jafu lil Clint Zammit ghax joqghod vicin tieghu u filfatt gharfu bhala l-imputat

prezenti fl-awla. Ix-xhud stqarr illi ma jafx ezatt x'kien gara ezatt ghax kien rieqed dak il-hin li gara l-incident u kienu gew ihabbtulu l-Pulizija. X'hin hareg ra l-karozza tal-imputat fuq tieghu u kien hemm zewg ghafsiet zghar. Dak il-hin l-imputat kien qieghed isuq Fiat Brava ta' kulur abjad. Huwa ma jafx x'tip ta' hsara kellha din il-karozza ghax lanqas biss sewwiha hu izda jaf li ma tantx kellha hsara. Ix-xhud spjega li huwa kien biegh din il-karozza ftit xhur wara li kien sehh l-incident lil wiehed Branco, mill-Yugoslavja. Huwa jiftakar li dan l-incident sehh xi tlieta jew erba' snin ilu. Huwa rega' qal li ma jiftakarx in-number plate ta' din il-karozza imma jaf li hija Seat Marbella ta' lewn vjola.

**PS 186 Kristian Mintoff** xehed fis-27 ta' Settembru, 2012 fejn ghamel referenza ghal dokument li huwa kien esebixxa fis-seduta tal-5 ta' Novembru, 2010 u cioe' meta esebixxa ritratti bil-kulur immarkati minn Dok. CM1 sa Dok. CM18 u qal li kien hemm ghoxrin ritratti bil-kulur. Huwa stqarr illi filfatt hemm tlieta u ghoxrin ritratt esebiti. Ghalhekk ghamel korrezzjoni ghal dak li xehed fis-seduta tal-5 ta' Novembru, 2010 fejn kien qal li esebixxa ghoxrin ritratt bil-kulur li huma mmarkati minn Dok. CM1 sa Dok. CM18. Filfatt huwa kien esebixxa tlieta u ghoxrin ritratt bil-kulur li huma mmarkati minn Dok. CM1 sa Dok. CM23. Ix-xhud ikkonferma li dawn it-tlieta u ghoxrin ritratt hadhom hu u hemm il-firma tieghu fuq dawn it-tlieta u ghoxrin ritratt.

**L-imputat Clint Zammit** xehed fis-Seduta tas-16 ta' Jannar, 2013, fejn ipprezenta sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminal fl-ismijiet **il-Pulizija vs Paul Ablett u Daniel Ablett** deciza nhar il-15 ta' Frar 2012 li giet immarkata bhala Dok. CZ1 . Huwa ddikjara li dakinhar tal-incident huwa kien tiela' flimkien ma' huh Redeemer Zammit u t-tfajliet Josianne Azzopardi u Lindsay Azzopardi lejn id-dar wara l-festa. L-imputat tenna li huma u telghin mill-festa kien hemm il-karti u huwa laqat flixkun minn fost il-karti u habat mat-tyre ta' karozza dal-flixkun u f'daqqa wahda sema' wiehed jghajjat u jidghi u huwa ma tawx kasu u baqghu telghin. Andy Debono kien beda jghajjat izda ma tawx kasu u  baqghu tielghin, u f'daqqa wahda dan beda gej ghal fuqhom b'gebla. Debono kellu xi gebel f'idu u gie biex jattakka lill-imputat bihom u huma bdew jiddefendu ruhhom biex ma jsawwathomx. L-imputat qal illi f'daqqa wahda gew hafna nies 'il fuq minn ghoxrin (20) ruh u daruhom u bdew ituhom. Sussegwentament gew il-pulizija u nferxu n-nies u kkalmat is-sitwazzjoni. Il-pulizija hadu statement u baghtuhom ghac-certifikat il-poliklinika tal-Furjana. Dan ghax kemm huwa u t-tfajliet kellhom xi griehi.  Wara huma kienu sejrin lejn din il-poliklinika izda qabel marru jdahhlu l-karozza ta' huh il-garaxx taghhom ghax huma ghandhom garaxx wara d-dar.

Huma marru l-poliklinika bil-karozza tal-imputat. F'din il-karozza kienu l-imputat, huh, Lindsay Azzopardi, Josianne Azzopardi u n-nannu tal-imputat Angelico Spiteri. In-nannu kien qieghed maghhom ghax kellu xi daqqiet peress li kien hareg hdejhom waqt li bdew jigru

lejn id-dar waqt il-glieda. Huwa ddikjara li anke n-nanna tieghu qalghet xi daqqiet pero’ ma kellhiex daqqiet gravi. Dakinhar in-nannu tieghu kellu tmienja u sittin sena. Sussegwentament hargu minn fejn il-garaxx bil-karozza u raw qatgha nies hergin minn fuq il-bankina ghal nofs it-triq u jghajtu ara gej, ara gej. Huwa rahom hergin f'nofs ta' triq u pprova jikser ghal go triq ohra biex ma jsuqx ghal fuqhom u laqat wiehed minnhom dak il-hin u baqa’ diehel u habat gol-hajt ukoll. Huwa habat gol-hajt biex jiskapolah ghax in-nies hargu minn naha tal-passiggier.

L-imputat tenna li huwa cempel lill-ambulanza u telaq jigri ghax marru jigru warajh u bdew ikissru fil-karozza. Huwa sostna li kif hareg mill-karozza mar biex jara x’garalu lil dak li laqat. Wara giet l-ambulanza, regghu gew il-pulizija u arrestawhom.

**Angelo Spiteri** xehed fis-Seduta tas-16 ta’ Jannar, 2013, fejn iddikjara li fis-26 ta’ Gunju 2008 kien l-Erbgha tal-gimgha tal-festa ta’ San Gorg u huwa nizel fejn it-tfal li kellu. Wara huwa flimkien ma’ martu dahal gewwa daru u inqas minn nofs siegha wara jisma’ l-bieb ihabbat u jsib lill-gharusa tat-tifel tieghu fejn talbitu biex jifthilhom ghax qed isawtu lit-tfal. Huwa hekk ghamel u jara fuq ghoxrin persuna. Huwa ra wkoll lil Redeemer li jigi n-neputi tieghu naqra l-isfel fil-parapett u kienu qed izommuh tnejn minn nies u sitta ohra qed ituh isfel. Huwa kkonferma li l-imputat jigi n-neputi tieghu wkoll. Dak il-hin giet il-mara tax-xhud u kif rathom qabdet naqra wiehed u tawha daqqa ta’

ponn wara widnejha tal-lemin. Ix-xhud jaf li l-girien kienu cemplu ghall-pulizija u gie l-Ispettur u s-Surgent u qalulhom biex imorru kollha l-poliklinika tal-Furjana. Huwa stqarr illi qala’ daqqa go wiccu u ddikjara li ma mar isawwat lil hadd.

Ix-xhud spjega li qabel marru l-poliklinika, dahhlu l-karozza ta’ Redeemer u hargu l-karozza ta’ Clint mill-garaxx li qieghed vicin id-dar u mxew bicca bil-karozza. Kif waslu fejn roundabout hargu xi sitt persuni ghan-nofs tat-triq u hu qal lil Clint biex iwarrab halli jara jekk jiskappahomx. Pero’ tilfu l-bilanc u ntlaqat wiehed u Redeemer Zammit nizel jaghtih l-ghajjut. Ix-xhud qal lil Redeemer biex joqghod attent ghax kienu gejjin ghalih u filfatt gew jigru ghalih u ghat-tifel. Minnufih jigu Paul Ablett u Daniela Ablett ma’ xi persuni ohrajn u qabdu l-karozza minn wara u bdew jaghtuha bis-sieq u jigru bil-gebed iwaddbuha u jkissruha. Sussegwentament gew tad-Depot biex jiehdu xi ritratti tal-karozza fil-garaxx.

**Redeemer Zammit** xehed fis-Seduta tas-16 ta’ Jannar, 2013, fejn iddikjara illi dakinhar tal-incident kienet il-festa ta' San Gorg u kif spicca l-marc huma kienu tielghin mill-festa, u waqaf ikellem habib tieghu. Huh u l-gharusa tieghu u, li dak iz-zmien kienu johorgu maghhom baqghu telghin, u f'daqqa u l-hin ra lil huh li kien qed jiggieled. Huwa ma jiftakarx fuq xiex bdiet il-glieda ghax huwa kien qed ikellem lill-habib tieghu. X'hin ra lil huh jiggieled ovvjament mar biex iferraq izda ma' min kien qed jiggieled huh beda jghid li x-xhud

mar biex jagredih ukoll meta fil-fatt mar biex iferraq. Meta rnexxielhom jifirduhom mill-glieda baqghu telghin lejn id-dar. Huh kien qed jiggieled ma’ Andy Debono. X'hin waslu qrib id-dar huma raw grupp ta' xi ghoxrin ruh gejjin kollha ghal fuqhom u x-xhud kull ma jiftakar huwa li qala’ daqqa go rasu minn wara u tefghuh mal-art u kellu xi sitta fuqu jtuh u kellu wiehed zgur izommu u xi erbgha ohra jew hamsa jtuh. Wara x-xhud jidhirlu li hareg in-nannu tieghu minn god-dar tieghu u qala’ xi daqqiet u harget ukoll in-nanna tieghu.

F'dak il-hin ix-xhud jahseb li xi hadd mill-girien cempel lill-pulizija ghax u x'hin waslu l-pulizija dahlu gewwa huma u l-grupp li kien hemm kien hemm min telaq u kien hemm min baqa' hemm jinsulentahom quddiem il-bieb u l-pulizija li kien hemm fid-dar taghhom kien qalilhom li jistghu jmorru l-poliklinika biex jaghmlu c-certifikat. Ix-xhud kellu l-karozza barra u huh l-imputat kellu l-karozza barra wkoll u ddecidew li jdahhlu wahda minnhom gol-garaxx biex imorru b'wahda l-poliklinika. Ix-xhud tenna li fil-karozza kienu hu, huh, iz-zewg tfajliet li dak iz-zmien kienu johorgu maghhom u n-nannu tieghu Angelico Spiteri. Waqt li kienu mexjin bil-karozza regghu hargu xi erbgha jew hamsa minn dawk li kellhom l-argument maghhom Bugeja u Debono, u l-imputat x'hin ipprova jiskapula lill-grupp kollu jaf li laqghat lil xi hadd minnhom u baqa' diehel gol-hajt. Huwa cahad illi huh kien ghaddej b’xi speed qawwi. Ix-xhud qal illi huma kienu xi mitt metru l-boghod mill-garaxx fejn gara l-incident. Huwa jiftakar li kien hareg biex jaghtih l-ghajnuna peress li huwa First Aider. Hawn in-nannu tieghu kien qallu *“ara hemm ghax ha jergghu jigu jtuk”*. Huwa

mar biex jaghtih l-ghajnuna izda minflok gew biex jergghu jaqbu jaghtuh. Imbaghad nizlu n-naha ta' Cappadocia Estate l-isfel biex ma jaqalghux iktar u jiftakar li dawn kissru l-karozza ta' huh.

**Christian DeCarlo** xehed fis-Seduta tas-16 ta’ Jannar, 2013, fejn iddikjara li dakinhar tal-accident li sar fis-26 ta’ Gunju huwa kien prezenti x’hin saret il-habta u mhux qabel. Huwa qal illi joqghod Hal Qormi, faccata ta’ fejn saret il-habta. Ix-xhud stqarr illi kien fil-gallarija u ra l-karozza gejja u hargulu n-nies ghan-nofs. Is-sewwieq kiser l-isteering u baqa’ diehel gol-hajt u wara go vann. Ix-xhud tenna li l-karozza ma kinitx gejja bi speed eccessiv imma mhux bi speed normali lanqas. Huwa jahseb li x-xufier kiser l-isteering biex ma jolqothomx u dahal gol-hajt u wara dahal go vann tal-halib. Huwa kif ra nizel biex jara x’gara ghax huwa jaf lit-tnejn li huma u ra lil Paul Ablett kellu argument zghir bil-kliem man-nannu ta’ Clint. Huwa sostna li dan kien argument zghir u kif ikkalma kollox huwa qabad lin-nannu ta’ Clint u hadu l-isfel. Hawnhekk ra illi izjed l-isfel kien hemm argument iehor bejn Daniel Ablett u Clint. Ghalhekk qabad u tellghu ‘l fuq fejn pogga fuq il-bankina u kien hemm xi tlieta mdawrin mieghu biex jaraw imma ma tax kaz min kien. Huwa kkonferma li l-karozza kienet ghaddejja normali u n-nies hargu ghan-nofs.

Ix-xhud in kontro ezami stqarr illi ghalkemm ra l-habta, huwa ma rax il-persuna tintlaqat. Biss meta mar hemmhekk rah fuq il-bankina joghrok saqajh. Huwa ra l-karozza gejja ghax joqghod hemmhekk u

fuq il-post hemm stage u l-karozza giet minn wara l-istage. Ix-xhud ikkonferma li rah diehel gol-hajt ghax jidher kollox mid-dar tieghu.

**Lindsay Azzopardi** xehdet fis-Seduta tas-16 ta’ Jannar, 2013, fejn iddikjarat illi dakinhar tal-incident tas-26 ta’ Gunju huma u cioe’ ohtha, Redeemer, Clint u x-xhud kienu telghin mill-festa u x’hin kienu mexjin Clint laqat flixkun u nfaqa’ mal-hajt. Hija spjegat li t-triq kienet wieghsa hafna u kien hemm anke central strip fin-nofs. Minn naha l-ohra tat-triq kienu ghaddejjin wiehed Andy, il-mara tieghu u kien hemm xi tfal mieghu hemm u dan beda jghid hafna kliem hazin, joffendihom, u beda jghidilhom li kieku laqtuh u hekk. Ix-xhud sostniet illi ma jistax ikun li laqtuh u l-flixkun ma giex imwaddab lilhom. Huma baqghu telghin u baqa' jghidilhom hafna kliem u ghalhekk qabzet ix-xhud u qaltlu *“mhux ahjar bizzejjed issa”* u x'hin qaltlu hekk mar ghaliha b'gebla kbira biex itiha biha hemm u Clint qabez ghaliha billi pprova jwaqqfu u qabad jaghti lilu. Hemm qabdu jaghtu huma t-tnejn u wara hafna glied waqfet il-glieda u baqghu telghin il-fuq. Ix-xhud spjegat illi f’din il-glieda bdew jiggieldu ma’ kulhadd u mhux kienu erbgha kontra dan wahdu.

X'hin spiccat il-glieda, huma baqghu tielghin ‘l fuq u x'hin kienu kwazi waslu fejn id-dar raw xi grupp ta' xi hamsa u ghoxrin ruh gejjin ghan-naha taghhom. Ix-xhud stqarret illi huma ma ndunawx mill-ewwel li kienu gejjin ghalihom u regghu kollha daru fuqhom jigifieri hamsa u ghoxrin ruh kontra erbgha. Il-grupp tax-xhud kienu zewg nisa' u zewg

irgiel u l-ohrajn kienu hafna rgiel u kien hemm ftit nisa wkoll. Huma bdew jaghtu lir-Redeemer, il-Clint u daru fuqha wkoll u qabdu jtuha n-nisa lilha wkoll. Barra minnhekk hargu n-nanna u n-nannu ta' Clint u Redeemer wkoll ghax kienu qeghdin quddiem il-bieb. In-nies imbuttaw lin-nanna wkoll u qalbuha, u mbaghad wara hafna glied qalulhom biex jidhlu d-dar. Kienu l-Pulizija li dahluhom id-dar ghax kienu lahqu waslu u bdew johdulhom ir-Rapport biex jaraw x'gara. Il-Pulizija qalulhom biex imorru l-poliklinika biex jaghmlu rapport peress li kien hemm min kien wegggha. Hija stqarret illi hemm bdew jibzghu johorgu u l-pulizija qalilhom li ma ghandhomx ghalfejn jibzghu ghax qedghin taht ghajnejhom l-akkuzati l-ohrajn.

Huma dahhlu l-karozza ta' Redeemer gewwa u marru bil-karozza ta' Clint. Fil-karozza rikbu x-xhud u ohtha regghu, in-nannu, Redeemer u Clint. Ix-xhud spjegat illi kienu talbu l-protezzjoni mill-pulizija sabiex johorgu ghax bdew jibzghu johorgu. Hija ma tafx jekk l-ohrajn kienux arrestati pero' l-pulizija kienu qalulha li qeghdin taht ghajnejhom. Ghalhekk huma ghamlu l-kuragg u hargu ghax huma ma riedux johorgu pero' kellhom imorru ghax il-pulizija qalulhom li riedu jaghmlu certifikat il-poliklinika.

Sussegwentement huma marru bil-karozza ta' Clint u huma u sejrin regghu rawhom telghin ghalkemm ma tafx kemm kienu persuni ezatt pero' kienu xi hamsa jew sitta. Dawn il-persuni hargulhom ghan-nofs u Clint prova jiskapulhom pero' tilfu l-kontroll tal-karozza u ntlaqat

wiehed minnhom u mbaghad dahlu gol-hajt in-naha l-ohra. Huma nizlu mill-ewwel biex jaghtuh l-ghajnuna u jaraw jekk gralux xi haga u dawn il-persuni regghu bdew jaghtu lil Clint u regghu daru ghalih. Wara bdew jaghtu mal-karozza wkoll u kien hemm tnejn  minnhom li bdew ikomplu jkissru l-karozza bis-sieq.

**Josianne Azzopardi** xehdet fis-seduta tas-16 ta’ Jannar, 2013, fejn iddikjarat illi dakinhar tal-incident huma kienu tielghin mill-festa ta' Hal-Qormi u Clint laqat flixkun b'saqajh u mar fuq in-naha l-ohra tat-triq. Fuq in-naha l-ohra tat-triq kien ghaddej wiehed Andy mal-mara u t-tfal u beda jghidilhom hafna kliem hazin u mar ghal ohtha b'gebla u Clint qabez ghalih. Inqalghat glieda u bdew jghidulu ghal xiex qala’ hekk u komplew mexjin. Anke l-mara tieghu bdiet tghidlu. Huma komplew mexjin ‘l fuq u huma u telghin lejn id-dar kienu kwazi waslu, raw grupp kbir ta' nies gejjin ghalihom bi glied u nqalghet glieda b’kullhadd jaghti. Gew il-pulizija u hadulhom ir-rapport u qalulhom li riedu jmorru l-poliklinika biex jaghmlu certifikat. Pero’ huma bdew jibzghu imorru habba li kien gara izda accertawhom li ma kellnhomx ghalfejn jibzghu ghax kollox kien taht ghajnehom. Huma kellhom zewg karozzi barra u ghalhekk dahhlu wahda minnhom u marru bil-karozza Fiat Brava. Huma u sejrin hargulhom grupp ghan-nofs u pruvaw jevitawhom izda laqtu wiehed minnhom li kien jismu Nigel. Nizlu biex jaraw x'kien gralu ghax dan kollox kien gara b'accident u ppanikjaw hafna dak il-hin. Huma marru biex forsi jaghtuh l-ghajnuna u kien hemm tnejn Daniel u Paul li komplew jaghtu xi daqqiet fuq il-karozza. Sussegwentament gew il-pulizija u bdew ikellmuhom u

arrestawhom. Hija spjegat li Clint Zammit li gharfitu prezenti fl-awla kien l-ex-boyfriend taghha.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija illi giet prezentata fl-24 ta' April, 2013.

Rat illi fl-20 ta' Gunju, 2013 xehed Robert Bugeja ghan-nom tar-Registratur tal-Qrati fejn ipprezenta kopja tal-Process Numru 668/2008 fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija (Spettur Sandra Zammit) vs Paul Ablett et</u>**' deciz fil-15 ta' Frar, 2012 li gie mmarkat bhala Dok. BR1.

Rat illi din il-kawza kienet giet differita ghas-sentenza fl-20 ta' Gunju 2013 (fol. 142) u dan minn din il-Qorti diversament preseduta.

**Illi din il-kawza giet moghtija lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' assenjazzjoni mis-Sinjurija Tieghu Prim Imhallef datat 21 ta' April, 2014.**

**Illi din il-kawza giet appuntata ghall-ewwel darba quddiemha kif preseduta illum nhar il-5 ta' Mejju, 2014 u dan sabiex tivverifika jekk il-partijiet kienux lesti li jezentaw lil Qori mill-htiega li tisma' ix-xhieda mil-gdid u in oltre sabiex tara jekk il-partijiet xtaqux jitrattaw mill-gdid.**

Illi nhar il-5 ta Mejju 2014 deher l-imputat assistit minn Dr Joe Zammit u l-ufficcjal prosekutur l-Ispettur Carlos Cordina iddikjara f'isem l-ufficjal prosekutrici li ezentaw lil Qorti mil-htiega li terga tisma' ix-xhieda mill-gdid u in oltre rat li l-ufficcjal prosekutur ghamel referenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni filwaqt li id-difiza ghamlet referenza ghat-trattazzjoni taghha li tinsab dattilografa fl-atti u inserita fl-atti a fol. 146 u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti hija tal-fehma, wara li ghamlet sommarju tal-provi prodotti mill-prosekuzzjoni, li ghandha taghmel xi sottomissjonijiet fuq principji generali li jorbtu fi process kriminali.

Fil-process kriminali, kemm il-prosekuzzjoni, kif wkoll l-akkuzat, ghandhom mhux biss d-dritt li jgibu provi, izda li jirregolaw huma xi provi jgibu.

S'intendi, jridu jigu osservati r-regoli ta' procedura relattiva ghal produzzjoni tal-provi. Fost dawn, jinkombi fuq min igib prova, li dik il-prova tkun l-ahjar prova, infatti, l-**artikolu 634(1) tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta, jistabbilixxi li bhala regola, ghandu jitqies li tingieb l-

prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti u li ma jithalla barra ebda xhud jew prova teknika li tkun importanti.

L-**artikolu 513(1)(a) tal-Kap 12** tal-Ligjiet ta' Malta, jaghmel applikabbli ghal Qorti ta' Gudikatura Kriminali, l-**artikoli 557** sa **561 tal-Kodici t'Organizazzjoni u Procedura Civili.**

L-**artikolu 558** ta' dan il-Kodici tipprovdi li l-Qorti ghandha, fil-kazijiet kollha, tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista' ggib u bl-**artikolu 559(1)** tal-istess Kodici, il-Qorti ghandha tichad li tingieb kull prova li jidhrilha li mhiex l-ahjar prova li l-parti tista' ggib. (vide **Il-Pulziija v John Farrugia** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax ta' Jannar 1986 per Imhallef Lino Agius).

Huwa bla dubbju ta' xejn l-oneru tal-prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat, huma veri u dan ghaliex, kif ighid l-awtur taljan **Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale - Vol III, Kap IV, pagna 234, edizzjoni 1896**:

*"Il cosi detto onero della prova cioe` il carico di fornire spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui asserit".*

Huwa dejjem il-prosekuzzjoni li trid tipprova l-elementi kollha tar-reat u dan permezz ta’ provi diretti jew indizzjarji u dan sal-grad ta’ konvinciment morali tal-gudikant (vide **Il-Pulizija vs Paul Farrugia** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta ta’ Marzu 2000).

Fil-kamp penali, dak li hu possibbli li jigri jew li possibbli li jista’ jigri, mhux prova ammissibbli. Il-provi li trid tiddeciedi fuqhom il-Qorti huma dawk biss li jirrizultawlha mill-atti u kongetturi ta’ fatti mhux ammessi.

Huwa ghalhekk l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova li l-imputat mhux innocenti, u dan trid taghmlu billi, bil-provi taghha twassal lil min irid jiddeciedi, sa dak il-grad ta’ konvinciment morali, bla dubbju dettat mir-raguni. Minn naha tal-prosekuzzjoni, allegazzjonijiet ta’ x’seta’ gara probabbilment jew possibbilment, ma jikkostitwux ebda prova valida.

Mill-banda l’ohra, l-imputat, prezunt innocenti, m’ghandu jipprova xejn, izda jekk ihoss li ghandu jipprova xi haga, dan jista jaghmlu anke jekk jasal sal-grad ta’ probabbli (vide **Il-Pulizija vs Joseph Ciscaldi** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghaxra ta’ Lulju 1998).

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji

jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Parctice** (1997 edition para 10-3) b'referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kaz **Teper v R** (1952) jghid:

> "*Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another... It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from*

*circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference.*"

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Jannar, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza ohra moghtija wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Lee Borg** fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat, u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu il-hati u li l-provi li jigu imressqa jkunu nkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.

Fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil et** nhar fis-sitta ta' Mejju, 1961 mill-Qorti tal-Appell Kriminali**,** kien intqal li:

"*Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova, talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma xulxin u li flimkien jwasslu fl-istess direzzjoni.

Dan qed jinghad partikolarment rigward id-daqqiet li kien hemm fuq il-vettura prorpjeta’ ta’ l-imputat kif ukoll in vista tan-numru konsideravoli ta’ xhieda li xehdu dwar l-allegat fatti.

Ma hemmx dubbju, kif gie ritenut fi-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn ta’ Mejju 1997 fl-

ismijiet **Il-Pulizija vs Gerald Muscat et** li kull dubbju li l-prosekuzzjoni ghandha, trid tigi ezaminata fl-assjem taghha – principju legali del resto elementari.

Nigu issa ghal fatti specie tal-kaz.

Dan il-kaz huwa diviz f'zewg parti fis-sens li l-ewwel kien hemm l-incident li sehh fis-26 ta' Gunju 2008 ghall-hin ta' bejn il-12:45am u 1:15am fi Triq Cappadocia gewwa Qormi, meta l-prosekuzzjoni akkuzat lill-imputat li kien qed isuq il-vettura tieghu tal-ghamla Fiat Brava kulur abjad bin-numru ta' registrazzjoni ABO 072 b'manjiera perikoluza u tajjar lil Nigel Spiteri u kkagunalu feriti ta' natura hafifa skond kif iccertifika it-Tabib Dr Ramon Bondin u fl-istess waqt ikkaguna danni involontarji fuq il-vettura b'numru ta' registrazzjoni BBE 106 ghad-dannu ta' Kevin Agius u fit-tieni waqt fl-istess data, ghall-hin tan-12:30am fi Triq il-Vitorja, Qormi kkaguna lil Andy Debono feriti ta' natura hafifa skond kif iccertifika it-tabib Dr Miriam Giordano MD, kiser il-mistrieh tan-nies bi glied u storbju, u talli, u volontarjamanet kiser il-bon ordni u l-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied.

Issa l-imputat ma kienx obbligat li jixhed pero xehed u ressaq il-provi sabiex jikkolobroiaw id-difiza tieghu.

Din il-Qorti hija rinfaccjat b'zewg versjonijiet tal-fatti dik esposta mill-prosekuzzjoni li tghid li l-imputat qabad jghati lil Andy Debono kwazi kwazi ghal xejn b'xejn u li wara waqt li kien qed isuq ipprova itajjar lil Nigel Spiteri u il-versjoni kif esposta mill-imputat u korroborata mid-difza tieghu li fl-ewwel lok waqt li huwa kien sejjer lura id-dar jum il-festa ta' Hal Qormi huwa tajjar flixkun b'saqajh fost id-diversi karti li kien hemm ma' l-art u laqat il-vettura ta' Andy Debono u bhala rizultat ta' dan Debono u l-familjari tieghu hebbew ghalih u fit-tieni lok waqt li huwa kien qed isuq, Nigel Spiteri u shabu hargu ghan-nofs tat-triq u sabiex jevithom u ma jtajjarhomx baqa' diehel go hajt u f'vettura ohra izda lahaq laqat lil Nigel Spiteri.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant, il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, l-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti sfortunatament mhiex f'posizzjoni vantaggjuza kif tkun is-soltu biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex hija ma

ghexietx il-process tul medda ta’ zmien u ghalhekk m’hiex f’posizzjoni, wara li ezaminat ix-xhieda kollha li xehdu viva voce quddiem din il-Qorti diversament preseduta, li tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li ma xehdux quddiemha pero’ cio nonnsotante tista’ tikkonstata x'interess setgha kellu xi xhud f’data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Huwa minnu, kif gie allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b’zewg versjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero’ huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta’ Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet ‘**Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**’:

*“It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one”.*

Il-Qorti sejra l-ewwel titratta l-incident li sehh gewwa Triq il-Vittorja u ghalhekk sejra tikkunsidra it-tielet, ir-raba’, il-hames u is-sitt akkuza.

Fl-ewwel lok l-imputat gie akkuzat talli ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Andy Debono kif deskritti minn Dr Miriam Giordano

kienu ta’ natura hafifa. Jidher dwar din l-akkuza il-partijiet mhumiex qed jaqblu lanqas dwar il-fatti tad-dinamika tal-incident ghalkemm dwar in-natura tal-feriti ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni.

Il-prosekuzzjoni qed takkuza li volontarjament ikkaguna ferita ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta Andy Debono u ressqet lil diversi xhieda sabiex fil-fehma taghha tipprova l-akkuza. Mirabelle Caruana tghid ex admisses li “*Clint Zammit faqa’ flixkun mal-karozza ta’ hu Andy Debono, precizament mat-tyre tal-karozza*”, Mireille Ablett tghid li ma tistax tikkonferma jekk l-imputat kienx involut fil-glieda li sehhet fi Triq il-Vittorja waqt li zewgha Paul Ablett ighid li meta wasal fi Triq il-Vittorja il-glieda kienet kwazi spiccat u ghalhekk kif kienet bdiet ma ighid xejn. Glenn Debono dwar kif beda l-incident ma jghid xejn salv li meta wasal fuq il-post sab lil hu l-imputat Redeemer izomm lill-imputat milli jkompli jghati lil Andy Debono. Keith Camilleri ukoll ma jghid xejn dwar kif bdiet il-glieda ghalkemm jghid li meta wasal fuq il-post sab lil imputat u huh jghatu lil Andy Debono. Ta’ rilevanza ghal din l-akkuza hija dik li jghid l-allegat vittma Andy Debono meta ex admissis jghid “*Huwa jaf li kien hemm Clint Zammit illi qed jaghrfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla u huwa (Clint) waddab flixkun tal-hgieg mal-karozza ta' huh Glen Debono. Ix-xhud mar hdejn Clint Zammit biex jghidlu ghalfejn waddab il-flixkun u dak il-hin daruh xi erba’ jew hames persuni. Fost dawn li daruh kien hemm l-imputat Clint Zammit u huh Redeemer u qabdu jaghtuh bil-ponn u bis-sieq fuq sidru u fuq wiccu.”*

Ghalhekk minnufih jirrizulta li hemm konflitt bejn dak li qalet Mirabelle Caruana li qalet li l-imputat faqa' flixkun mal-karozza ta' hu Andy Debono, precizament mat-tyre tal-karozza u dak li jghid Andy Debono stess li jghid li Clint waddab flixkun tal-hgieg mal-karozza ta' huh Glen Debono.

Id-difiza sostniet tramite ix-xhieda ta' l-imputat kif kolloborat minn huh Redeemer Zammit u n-nisa taghhom Josianne Azzopardi u Lyndsay Azzopardi li l-imputat laqat flixkun vojt waqt li kien mixi u l-flixkun laqat it-tyre tal-vettura ta' Andy Debono in fatti ex admisses jghid:-

*"Huma u telghin mill-festa kien hemm il-karti u huwa laqat flixkun minn fost il-karti u habat mat-tyre ta' karozza dal-flixkun u f'daqqa wahda sema' wiehed jghajjat u jidghi u huwa ma tawx kasu u baqghu telghin. Andy Debono kien beda jghajjat izda ma tawx kasu u baqghu telghin, u f'daqqa wahda dan beda gej ghal fuqhom b'gebla. Debono kellu xi gebel f'idu u gie biex jattakka lill-imputat bihom u huma bdew jiddefendu ruhhom biex ma jsawwathomx. L-imputat qal illi f'daqqa wahda gew hafna nies 'il fuq minn ghoxrin (20) ruh u daruhom u bdew ituhom".*

Redeemer Zammit dwar dan l-incident jghid ex admisses *"Huwa ma jiftakarx fuq xiex bdiet il-glieda ghax huwa kien qed ikellem lill-habib tieghu. X'hin ra lil huh jiggieled ovvjament mar biex iferraq izda ma' min kien qed jiggieled huh beda jghid li x-xhud mar biex jaggredih ukoll meta fil-fatt mar biex iferraq. Meta rnexxielhom jifirduhom mill-glieda baqghu*

*telghin lejn id-dar. Huh kien qed jiggieled ma' Andy Debono. X'hin waslu qrib id-dar huma raw grupp ta' xi ghoxrin ruh gejjin kollha ghal fuqhom u x-xhud kull ma jiftakar huwa li qala' daqqa go rasu minn wara u tefghuh ma' l-art u kellu xi sitta fuqu jtuh u kellu wiehed zgur izommu u xi erbgha ohra jew hamsa jtuh"*.

Lyndsay Azzoppardi  tikkonfema li hija kienet tielgha 'l fuq ma' Clint u huh Redeemer meta l-imputat Clint laqat flixkun.  Ex admisses tispjega li

*"Minn naha l-ohra tat-triq kienu ghaddejjin wiehed Andy, il-mara tieghu u kien hemm xi tfal mieghu hemm u dan beda jghid hafna kliem hazin u offendihom. Huma baqghu telghin u baqa' jghidilhom hafna kliem u ghalhekk qabzet ix-xhud u qaltlu "mhux ahjar bizzejjed issa" u x'hin qaltlu hekk mar ghaliha b'gebla kbira biex itiha biha hemm u Clint qabez ghaliha billi pprova jwaqqfu u qabad jaghti lilu".*

Josianne Azzopardi li ukoll kienet mixja maghhom tghid is-segwenti:- *"dakinhar tal-incident huma kienu telghin mill-festa ta' Hal-Qormi u Clint laqat flixkun b'saqajh u mar fuq in-naha l-ohra tat-triq. Fuq in-naha l-ohra tat-triq kien ghaddej wiehed Andy mal-mara u t-tfal u beda jghidilhom hafna kliem hazin u mar ghal ohtha b'gebla u Clint qabez ghalih"*.

Illi ghalhekk mis-suespost jirrizulta almenu sal-grad tal-probabbli  li l-incident in kwistjoni sehh meta l-imputat laqat flixkun b'saqajh u

possibilment laqat it-tyre tal-vettura ta’ Andy Debono. Minn hemmhekk Andy Debono hassu offiz ghaliex it-tfajla ta’ l-imputat qaltlu xi kliem u minnufih mar ghaliha u l-imputat mar jipprotegiha u spiccaw fl-idejn. M’hemmx dubbju li dak li ghamel l-imputat kien in self defence u cioe’ sabiex jiddefendi lilu innifsu mill-aggressjoni zejda ta’ Andy Debono li allegatament kien fil-kumpanija ta’ ohrajn li ilkoll spiccaw jghatu ‘ *free for all*’. L-imputat eccepixxa id-difiza ta’ self defence ghar-rigward din l-akkuza. Persuna tilqa’ b'forza il-vjolenza jew aggressivita ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi kontra liema persuna hekk aggressiva l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-legittima difesa trid tkun intlahqet sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir tal-aggessur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni ikkrejata unikament mhux minn min jadotta dik t-tip ta' difiza izda minn min qed juri jew jimmanifesta dak il-perikolu jew theddid jew dannu imminenti.

Fil-fatt l-**Artikolu 233 tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

"*Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita’ legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed nnifsu jew ta' haddiehor.*"

Dan il-kliem huwa car hafna fih nnifsu. **L-Artikolu 224 tal-istess Kap. 9** jispecifika l-kazijiet ta' bzonn attwali tad-difiza legittima.

Jigi rilevat minnufih li d-dritt ghal legittima difesa jitwieled u huwa konsegwentement naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu. Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija vs Joseph Micallef'</u>** (Vol. XXXIV pg. 1072) intqal li:

"*Id-disposizzjoni tal-ligi li tiskuza lil min jikkaguna offiza lil persuna ohra in difesa tal-proprjeta tal-ferritur, tirrikjedi li l-azzjoni, biex ikun skuzabbli, ghandha tizvolgi ruhha dak il-mument stess li tkun qed tigi nvaza l-proprjeta u in difesa attwali taghha.*"

F'sentenza moghtija mill-**Corte di Cassazione** nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta' Jannar, 1948 (Riv. Pen.1948 pg. 213) gie ritenut li:

"*Per la legittima difesa non occorre che sia in atto la violenza; basta il pericolo. E' sufficiente il gustificato timore di un offesa imminente. Nemo tenetur expectare doneo perciliatur.*"

Il-ligi taghna pero' timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew periklu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur, jigifieri hsara jew offiza fil-hajja, fil-gisem u/jew partijiet

tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu, stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri, il-perikolu ghandu jkun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel, ghax dan jista' jaghti kaz biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima.

Il-periklu jrid wkoll ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li kien qed isehh, ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Ghandu jigi applikat t-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem specifikaw, u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'setgha ghamel jew x'messu ghamel id-difensur (l-imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difesa bl-uzu tal-forza. Fil-fatt il-**Professur Mamo** ***fin-Noti tieghu*** tal-ligi penali jghid:

"*The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time.*"

Fil-fatt, fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Jannar, 1995 fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija vs Joseph Psaila</u>**' jinghad li:

*"Id-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi*

*aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda il-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe’ t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe’ li f'dak il-mument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor."*

Illi huwa fid-dawl tas-suespost il-Qorti ghamlet l-apprezzament tax-xhieda fuq indikata minn fejn jirrizulta li l-imputa agixxa in difesa tat-tfajla tieghu ta’ huh u tal-persuna tieghu. Illi ghalhekk jirrizulta proprju l-kaz klassiku ta' legittima difesa fid-dawl ta' dak li gie enuncjat aktar 'l fuq. Ma hemmx dubju li c-cirkostanzi kif zviluppaw, graw f'hakka t'ghajn tant u b'mod li kkrejaw f'mohh l-imputat, biza u paniku u oppressjoni ta' perikolu tali li lahaq stat fejn haseb li jekk ma jiddefendix lilu nnifsu, kienu ser jispiccaw feruti kemm hu kif ukoll it-tfajla tieghu b’mod serjament stante li mal-vittma ma setghax jirraguna. Ma hemmx dubju li f'dan il-kaz il-periklu attwali gie kkrejat mill-allegat vittma u mhux mill-imputat li ddefenda ruhu minn din l-

aggressjoni tant serja. Illi ghalhekk din il-linja difensjonali qed tigi milqugha.

Dwar il-kontravenzjonijiet moghtija fil-konfront ta' l-imputat u cioe' li kiser il-mistrieh tan-nies bi glied u storbju u talli kiser il-bon ordni u l-kwiet b'ghajjat u glied jinghad li dak il-lejl kien hemm il-festa ta' San Gorg u kien ghad hemm hafna nies fit-triq.

Fil-fatt hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jghid **Archbold** fil-ktieb tieghu ***Criminal Proceedings*** (pagna 2549) meta jikkwota dak li qal L.J. Romar fil-kaz **AG v PYA Quarters**.

"*that it is clear in my opinion that any niusance in public which materially affects the reasonable comfort and niusance of life of a class of Her Majesty's subject.*"

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal ktieb **The Criminal Law of Scotland** (pagna 985, para. 4101 ta' Gerald H. Gordon) fejn hemm tifsira ta' x'inhu paci pubblika u precizament fejn jghid:

"*whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstance of each case... although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy*

*someone. Such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstance was such that it was calculated to lead to actual disturbance.*"

Illi fil-fehma tal-Qorti dawn iz-zewg kontravenzjonijiet ma jirrizutlawx stante li dak il-lejl kien hemm il-festa ta San Gorg u ghalhekk zgur li kien hemm storbju fit-triq mhux kawza ta' dan l-incident u ghalhekk l-imputat zgur ma kisisrx il-paci pubblika

Il-Qorti ghalhekk issa sejra titratta it-tieni parti tal-incident u cioe' dak li gara fi Triq Capodacia Qormi u cioe' fl-ewwl lok fejn gie akkuzat li minghajr il-hsieb li jqieghed fil-perikolu il-hajja ta' Nigel Spiteri ikkawzalu ferita ta' natura hafifa u dan waqt li kien qed isuq il-vettura tieghu tal-ghamla Fiat Brava numru ta' registrazzjoni ABO 072.

Illi mill-fatti kif jirrizutlaw mill-atti m'ghandux ikun hemm dubbju dwar in-natura tal-ferita li sofra Niel Spiteri u dan ghaliex kif ikkonferma it-tabib Ramon Bondin il-feriti li issubixxa Nigel Spiteri kienu ta' natura hafifa. Illi dwar id-dinamika ta' l-incident pero' il-partijiet ma jaqblux u dan ghaliex fil-waqt li l-prosekuzzjoni qed tghid li l-imputat bi speed eccessiv tajjar lil Nigel Spiteri u dan ghaliex kien qed isuq b'manjiera perikoluza l-imputat qed jghid li huwa laqat lil Nigel Spiteri ghaliex hariglu fin-nofs.

M'hemmx dubbju minn natura tad-daqqa li sofriet il-vettura ta' l-imputat li l-imptuat kien qed isuq bi speed u tant kien hekk li spicca laqat lil Nigel Spiteri, vettura  ohra proprjeta' ta' Agius li kienet stazzjonata u spicca go hajt. Dan l-agir huwa indikattiv li l-imputat ma kienx qieghed f'posizzjoni li jikkontrolla l-vettura.  Jinghad kif stqarr l-imputat stess li huwa ra lil Nigel Spiteri fit-triq qabel ma laqtu u dan ghaliex kien mixi bi grupp  ta' nies u ghalhekk dan kien jinkombi dover akbar fuq l-imputat li jzomm proper look out .

Ta' min ifakkar li skond ir-**Regolament 59 tal-Highway Code** insibu li:-

"*The driver of any motor vehicle whether on a major or a minor road, shall at all times, exercise due care and take all necessary precautions at any road junction"*

Issa gie deciz illi minn ma jarax dak li ragjonevolment ghandu jara, jfisser li ma jkunx qed jzomm *a proper look*.  [vide sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sbatax ta' Gunju 1961 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs J.M. Laferla**.]

Is-sewwieq ta' vettura ghandu  id-dover li jzomm *proper lookout* u kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghaxra ta' Awissu 1963, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Vella**, huwa dover ta' *driver* li jzomm *a proper lookout* u '*to see what is in plain view*."

Il-kuncett ta' *proper lookout* gie elaborat ahjar fis-sentenza tal-Qorti Ingliza fil-kaz **Newhaus N.D. Bastion Insurance Co. Ltd**., (1968) fejn gie ritenut li:

*"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead, it includes an awareness of what is happening in one's immediate vicinity".*

Jidher fil-fehma tal-Qorti li l-imputat li kien bla dubbju ta' xejn irrabjat b'dak li kien sehh ftit qabel kien qed isuq bi speed u b'nuuqas lejn ir-regolamenti tat-traffiku . Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud,** b'mod partikolari ghal dak li gie enuncjat dwar sewqan perikoluz. Gie ritenut li:

*"**Sewqan perikoluz** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari, s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghal proprjeta taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita' tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn t-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi w id-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai*

*finijiet ta' piena, l-legislatur pogga s-sewqan bla kont w is-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz w involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz."*(**vide Il-Pulizija vs Charlotte Chamberlain,** deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Mejju, 1950). "

L-imputat huwa akkuzat ukoll talli kkaguna hsara involontarja fuq il-vettura ta' Kevin Agius minn Hal Qormi b'mod partikolari fuq il-vettura tieghu BBE 106. Issa mix-xhieda ta' Kevin Agius jirrizulta li huwa kien biegh il-vettura teighu lil Branislav Djokic. Branislav Djokic xehed u spjega li l-vettura tal-ghamla Marbella hija tieghu u iggib in-numru ta' registrazzjoni BBE 106 (vide log book a fol. 83) u kien nefaq is-somma ta' erba' mitt euro sabiex irranga din l-istess vettura. Illi ghalhekk din l-akkuza zgur li ma tistax tirrizulta ghaliex Kevin Agius ma sofra l-ebda dannu.

Illi fil-fehma tal-Qorti u fid-dawl tal-provi mismugha l-Qorti hija tal-fehma li jirrizultaw l-ewwel u it-tielet akkuza.

Dwar il-piena il-Qorti rat il-fedina penali ta' l-imputat u rat li huwa a first time offender bl-ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrat fuqha u ghalhekk thoss li fic-cirkostanzi hija ghandha timponi multa.

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli **214, 215, 221, 338(m), 339(1)(dd), 325(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed tilqa' id-difiza ta' legittima difesa fil-konfront tat-tielet akkuza u tiddikjara li mhux qed issib lill-imputat CLINT ZAMMIT hati tat-tieni, tat-tielet, tar-raba' u tal-hames akkuza u tilliberah minnhom u tiddikjara li qed issibu hati ta' l-ewwel u s-sitt akkuzi u tikkundannah hames mitt euro (euro 500) multa .**

**Oltre dan ai termini ta l-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta qed tiskwalifika lill-imputat mill-licenzja tieghu tas-sewqan ghall-perjodu ta' gimghatejn millum.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------